MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 1086/2008

**Antonia Pulis (ID nru 202054M)**

**u Diane Pulis (ID nru 199573M)**

***kontra***

**Albert Abela (ID nru 413166M)**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-**<u>rikors guramentat</u>** li kien prezentat fid-<u>29 ta` Ottubru 2008</u> u li jaqra hekk :-

*1. Illi r-rikorrenti permezz ta` kuntratt tad-29 ta` Mejju 2003, fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani anness u mmarkat Dok A, dahlu garanti in solidum mal-intimat f`self li huwa ha minn HSBC Bank (Malta) p.l.c. fis-somma ta` Lm17,000 ;*

*2. Illi meta r-rikorrenti accettaw li jidhlu hekk garanti kienu fthiemu oralment mal-attur illi huwa kellu jehlishom minn tali garanzija fi zmien sena mid-data tal-istess garanzija u dan kif ser jirrizulta waqt is-smigh u t-trattazzjoni ta` din il-kawza ;*

*3. Illi l-intimat naqas illi jaghmel dak miftiehem mar-rikorrenti u in effetti l-istess rikorrenti ghadhom garanti in solidum mal-intimat kif fuq spjegat ;*

*4. Illi ghal kull buon fini jinghad li r-rikorrenti ma jafux kemm thallas mis-self u l-bank kreditur qed jirrifjuta li jghaddilhom tali informazzjoni kif jirrizulta mil-anness dokument immarkat Dok B ;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu reverentement lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. Prevja li tistabbilixxi kemm baqa` dejn tal-intimat mal-bank HSBC Bank (Malta) p.l.c., ghal-liema ammont qed jaghmlu tajjeb l-esponenti ;*

*2. Tikkundanna lill-istess ihallas tali bilanc lir-rikorrenti sabiex dawn ikunu jistghu jissaldjaw id-debitu in kwistjoni.*

*Bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv u l-konvenut ingunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku ta` dokumenti li kienu prezentati mar-rikors guramentat.

Rat ir-**risposta guramentata** prezentata fit-8 ta` Jannar 2009 li taqra hekk :–

*1. Illi t-talbiet attrici huma ntempestivi u mproponibbli, u dan stante illi garanti jkollu d-dritt ta` rivalsa fil-konfront tad-debitur principali f`kaz li d-debitu jigi saldat mill-garanti u tittiehed is-surroga legali, haga li effettivament ma saritx ;*

*2. Illi ulterjorment, kif l-atturi jafu u jafu ben tajjeb u kif jista` jirrizulta wkoll waqt it-trattazzjoni tal-kawza, is-self li ha l-eccipjenti hadu fil-fatt sabiex l-attrici Diane Pulis (illi maghha l-eccipjenti kellu relazzjoni personali) tkun tista` thallas lill-ex ragel taghha sabiex tkun tista` tiehu s-separazzjoni personali minn mieghu u sabiex jithallsu diversi djun dovuti mill-istess attrici Diane Pulis ;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, jirrizulta illi l-eccepjenti diga` hallas ammonti lill-Bank sabiex dan id-debitu jigi saldat ;*

*4. Illi ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi ;*

*5. Illi l-eccipjenti jixtieq jipprevalixxi ruhu mid-dritt illi jipprezenta kontrotalba skont il-Ligi fil-konfront tal-atturi, in vista tal-fatt illi l-istess dejn imsemmi fir-rikors guramentat odjern huwa dovut proprjament lilu mill-attrici Diane Pulis u garantit mill-attrici Antonia Pulis.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti.

Rat il-**kontrotalba** li taqra hekk :–

*1. Illi l-esponenti rikonvenjenti kien intrattjena ghal zmien relazzjoni mal-attrici rikonvenuta Diane Pulis, waqt liema relazzjoni huwa silef somma ta` flus mill-HSBC Bank Malta plc sabiex ihallsilha diversi djun li kellha u sabiex hija tkun tista` thallas lill-ex ragel taghha li kienet qieghda tissepara minnu ;*

*2. Illi minhabba tali fatt fil-kuntratt ta` self diga` esebit f`din il-kawza, l-atturi rikonvenuti qeghdulu garanti solidali, bl-intiza mal-esponenti rikonvenjenti illi waqt li hu jhallas lura lill-Bank tali dejn, huma jhallsu lura l-ammont relattiv lilu ;*

*3. Illi effettivament ghalhekk l-esponenti rikonvenjenti assuma hu d-dejn relattiv mal-Bank u beda jeffettwa wkoll il-pagamenti relattivi lid-diversi kredituri tal-attrici rikonvenuta Diane Pulis, kif jista` ampjament jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u beda wkoll jeffettwa pagamenti lill-Bank ;*

*4. Illi minkejja dan u minkejja diversi nterpellazzjonijiet sabiex jirrifondulu l-flus li huwa effettivament hareg kif fuq imsemmi, l-ebda wahda mill-atturi rikonvenuti ma hallas lura l-ammont hekk dovut u baqghu inadempjenti ;*

*Jghidu ghalhekk l-atturi rikonvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex :-*

*1. Tillikwida l-ammont ta` flus li hallas l-esponenti favur Diane Pulis kif fuq imsemmi, okkorrendo bl-opra ta` periti nominandi ;*

*2. Tiddikjarahom jew min minnhom debituri tal-esponenti rikonvenjenti fl-ammont hekk likwidat ;*

*3. Tikkundanna l-atturi rikonvenuti, jew min minnhom, sabiex ihallsu lill-esponenti l-ammont hekk likwidat.*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-kontro-protest gudizzjarju numru 546/08 datat 20 ta` Settembru 2008 u tal-ittra legali tal-14 ta` Awwissu 2008 piu` l-imghax legali sad-data tal-pagamenti effettiv.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut ghall-fini tal-kontrotalba.

Rat ir-**risposta guramentata tal-atturi ghall-kontrotalba** li kienet prezentata fis-27 ta` Jannar 2009 u taqra hekk :–

*1. Illi t-talbiet rikonvenzjonali semmai jincidu fuq il-mertu u ghandhom jigu kkonsidrati fit-talba principali, imma in substantia ghandhom jigu respinti fil-fatt u fid-dritt ;*

*2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri kif permessi mil-ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi ghall-fini tad-difiza taghhom ghall-kontrotalba.

Rat il-provi kollha li ressqu l-partijiet fil-kors tal-kawza nkluzi d-dokumenti.

Rat illi, wara li kienu hekk awtorizzati mill-Qorti, l-atturi pprezentaw risposta **ulterjuri** li permezz taghha kienet eccepita l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici a tenur tal-Art 2156(d) tal-Kap 16.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tal-20 ta` Marzu 2014 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. Sintesi tal-provi**

**Joan Montanaro** xehdet illi kienet ilha taf lill-attrici Diane Pulis ghal dawn l-ahhar tmien snin u kienet l-gar taghha, ghaliex Diane Pulis toqghod fil-flat nru 4 waqt li hi toqghod fil-flat nru 5. Taf ukoll lill-konvenut ghax kellu relazzjoni ma` Diane Pulis. Milli taf il-konvenut ghandu car wash li qieghed Portomaso. Diane Pulis kienet qaltilha illi kienet ghamlet id-dar taghha u ta' ommha biex jaghmlu tajjeb ghal flus li l-konvenut kien issellef mill-Bank. Issemma self ta` madwar Lm 60,000 ghax-xoghol tal-konvenut. Ma jidhrilhiex illi Diane Pulis qaltilha kliem fis-sens illi kellha bzonn il-flus biex tissepara mir-ragel u li kien ghalhekk li l-konvenut kien issellef.

**Claudia Attard**, li tigi oht Diane Pulis u bint Antonia Pulis, xehdet illi ohtha Diane u l-konvenut kellhom relazzjoni li damet madwar erba`snin. Dak iz-zmien il-konvenut kellu kumpannija tal-Armour Oil, u kellu car wash Portomaso. Meta Diane kienet mieghu, kienet tghinu fix-xoghol billi jew tahdem fil-car wash jew tqassam il-prodotti fil-hwienet. Tghid illi l-andament tax-xoghol tal-konvenut ma kienx tajjeb hafna ghaliex anke talab xi flus lir-ragel taghha Tony Attard. Fil-fatt kien talbu madwar Lm 2.000, li l-konvenut hallas lura. Meta Diane ltaqghet mal-konvenut kienet diga` sseparat minn zewgha. Diane qatt ma kellha bzonn tissellef flus minghand il-konvenut.

**L-attrici Diane Pulis** xehdet illi ghal xi zmien hija kellha relazzjoni mal-konvenut. Huwa kellu negozju ta` prodotti ghat-tindif u manutenzjoni tal-karozzi. Kien hemm zmien meta n-negozju kien sejjer hazin. Ghall-ewwel kien staqsa lil ohtu u lir-ragel taghha sabiex jghinuh u jaghmlu tajjeb ghan-negozju tieghu izda dawn ma kienux accettaw. Dak iz-zmien kienet mardet u l-konvenut kien jiehu hsiebha ; ghalhekk meta avvicina lil ommha sabiex taghmel tajjeb ghad-dejn li kien se jiehu, kienet accettat. Kemm hi kif ukoll ommha accettaw li jaghmlu tajjeb ghad-dejn bil-kondizzjoni li l-garanziji fuq il-propjetajiet jinhallu fi zmien sena. Il-konvenut kien qalilhom li parti minn dak id-dejn, jigifieri Lm 5,000, kien se jaghtih lir-ragel taghha biex dan icedi favor taghha c-cens temporanju tal-flat li dak iz-zmien kien d-dar matrimonjali taghhom. Fil-fatt hekk sar. In segwitu l-konvenut kiseb self iehor mill-bank bis-sahha ta' l-garanziji fuq l-proprjetajiet.

**<u>Andrea Catania</u>**, mill-HSBC Bank Malta plc, ipprezenta sitt sanction letters (minn Dok HSBC 1 sa Dok HSBC 6), tlett *rescheduled overdrafts* (Dok HSBC 7 sa' Dok HSBC 9), u l-current overdraft (Dok HSBC 10). Mistoqsi x`ried ifisser b`*rescheduled overdrafts*, ix-xhud stqarr illi kien hemm overdraft wiehed, jigifieri kont wiehed u garanzija wahda, u minhabba li l-kont kien jahdem vicin hafna l-limitu tieghu, il-bank qabad porzjon minn dak l-overdraft u ghamlu *rescheduled* ghal hames snin, bla ma b`daqshekk sar loan. Il-garanzija tibqa` l-istess anke meta l-overdraft jigi *rescheduled.* Xehed illi l-konvenut kellu overdraft ta' €20,000, u tlett kontijiet ; skond l-ahhar sanction letter tal-21 ta' Lulju 2011, dawn jammontaw ghal €7,297, €21,227 u €13,416. Ghalhekk hemm madwar €70,000 fuq bazi ta` overdraft. Il-konvenut qed izomm fil-limitu, bil-pagamenti jsiru regolarment. Ipprezenta wkoll kuntratt tad-29 ta' Mejju 2003 (Dok HSBC 11) dwar l-overdraft ; Dok HSBC 12 dwar loan ta' Lm 17,000 ; Dok HSBC 13 li hija sanction letter datata 11 ta' Awissu 2006 ; Dok. HSBC 14 – li hija sanction letter tat-8 ta` Novembru 2006 ; u Dok. HSBC 15 li huma statements tal-loan. Id-differenza bejn s-sanction letter ta' Awissu 2006 u dik ta' Novembru 2006 hija li l-konvenut kien inghata facilita bankarja ghal Lm 10,000 ohra.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, ix-xhud ippreciza illi l-loan originali tal-2003 fl-ammont ta' Lm 17,000 kien thallas. Skond is-sanction letter Dok HSBC 6, l-atturi kienu taw special hypothecary guarantee ta` Lm 30,000 kull wahda. Dak l-ammont ghadu ma thallasx fl-intier tieghu.

**<u>Il-konvenut</u>** xehed illi fl-2002 kien iltaqa` mal-attrici Diane Pulis ; dak iz-zmien kienet ghadha mar-ragel taghha, ghalkemm bdiet il-process tas-separazzjoni personali. Huwa ta l-flus biex thallas lill-avukat taghha. Kellhom relazzjoni li damet mill-2002 sal-2007. Ha loan ta` Lm 17,000 ir-ragel ta` Diane jithallas tas-sehem tieghu tad-dar matrimonjali. Il-loan kien ikopri wkoll kura tas-snien li kellha bzonn Diane ; il-kont tal-kura tela` ghal madwar Lm 2000. Mis-Lm 17,000, Lm 3,500 minnhom marru ghand ir-ragel ta` Diane ; imbaghad kien hemm l-loan li hi u r-ragel kellhom mal-Bank of Valletta ; kien hemm is-sussidju tal-Housing ta` madwar Lm 800 u l-kura tas-snien ta` Lm 2000.

Kompla jixhed illi l-loan hareg fuqu ghaliex il-bank kien jafu billi kien ilu fin-negozju mill-1994. Minbarra dan huwa kellu loan akbar, u overdraft ta' madwar Lm 30,000. Mistoqsi mill-Qorti ghaliex il-loan kien ghadu ma thallasx, wiegeb li l-pjan kien li tigi zviluppata l-arja sovrastanti l-post tal-attrici, u mir-rikavat ta` dak l-izvilupp, jithallas il-loan. Mistoqsi ghaliex ladarba kien ghall-beneficcju tal-attrici l-loan ma harigx fuq l-attrici, il-konvenut wiegeb illi dak iz-zmien hija kienet tiehu l-beneficcji socjali ; inoltre hi u zewgha kienu diga` in default ta' l-loan taghhom, u kienu blacklisted. Mistoqsi kif dahlet fil-kwistjoni l-attrici l-ohra Antonia Pulis, stqarr illi kienet Diane li ftehmet maghha, apparti li sa dak iz-zmien ma kienx ghadu ltaqa` ma` Antonia Pulis.

Xehed dwar Dok AA2 li huwa rapport mehud mill-kontijiet tieghu, li juri l-flus li hargu mill-kontijiet tieghu ghall-beneficcju tal-attrici Diane Pulis. Jekk jithallas dawk il-flus, u ghalhekk ghamel il-kontrotalba, ihallas lill-bank u l-ipoteki tal-atturi jigu rilaxxjati. Dok AA1 kienu c-cheques tal-hlasijiet li saru favur Diane Pulis. L-ewwel cheque inghata lir-ragel ta` l-attrici biex jirrilaxxja d-dar taz-zwieg ; it-tieni cheque indirizzat lil Victor Zammit huwa sid il-kera ; kien hemm ukoll pagamenti li saru lin-Nutar, lil Onvol, lid-dentista Corinne Taliana, u lil Water Works. Huwa hallas total ta` madwar € 40,000 favur diane Pulis.

Fil-**kontroezami**, il-konvenut xehed illi n-negozju tieghu baqa` sejjer tajjeb sal-2005. Kien hemm xi naqra pressjoni, izda gharaf jaddatta ruhu u llum ghadu ghaddej. Kienet proposta tal-atturi li jaghmlu tajjeb ghal-loan tal-2003. Ghalkemm parti mil-loan intuza ghan-negozju, l-aktar li nhareg minnu kien ghall-beneficcju ta` Diane Pulis.

**Patrick Hall** xehed illi huwa jiehu hsieb il-kotba tal-konvenut. Muri Dok AA 2 stqarr illi dak huwa rendikont tal-ispejjez li hargu, u li ma kienux spejjez tad-ditta tal-konvenut. Huwa ma ppreparax id-dokument pero` gharaf numru

ta' transazzjonijiet li jidhru fid-dokument ghaliex kien hu li dahhahlhom fis-sistema.

**<u>Joseph Dingli</u>** xehed illi huwa awditur u accountant. Qal illi l-konvenut m'ghandux kumpannija izda huwa *sole trader* ; ghalhekk ma jippreparax *audited accounts*. L-accountant tal-konvenut huwa Patrick Hall li kien jdahhal d-data fil-computer.

**Ikkunsidrat :**

## III. <u>Sottomissjonijiet</u>

### 1) <u>L-atturi</u>

<u>Dwar il-kontrotalba</u>, l-atturi jikkontendu illi l-pretensjoni tal-konvenut kif dedotta fil-kontrotalba hija preskritta skond l-Art 2156(d) tal-Kap 16. Ghall-atturi, il-prova tal-preskrizzjoni tinsab fid-Dok AA1 li pprezenta l-konvenut stess. L-ewwel darba li l-konvenut ressaq talba gudizzjarja ghall-ammont indikat fid-Dok AA1 kien fil-kontrotalba. L-allegati hlasijiet koperti bic-cheques li ghalihom hemm riferenza fid-Dok AA1 jirrisalu ghal qabel it-8 ta` Jannar 2004, u allura ghal aktar minn hames snin qabel il-konvenut ipprezenta l-kontrotalba. Dwar id-Dok AA1 ut sic, l-atturi jsostnu li l-Qorti m`ghandhiex taghti konsiderazzjoni lid-dokument ghaliex ma rrizultax min effettivament hejja dak id-dokument u kwindi mhux konfermat b`gurament mill-persuna li hejja l-istess dokument. L-attrici Diane Pulis tikkontesta li l-konvenut ghamel hlasijiet ghall-beneficcju taghha. Lanqas ma ghamel il-konvenut il-prova ta` kull hlas li jallega li ghamel. Diane Pulis taccetta li mis-Lm 17,000 li l-konvenut ha b`self mill-bank, is-somma ta` Lm 5,000 thallset lir-ragel taghha

tas-sehem li kellu mic-cens tad-dar taghhom. Pero` huwa evidenti mill-mod kif saret il-kontrotalba li l-konvenut ma kienx qed jitlob rifuzjoni ta` dawk il-Lm 5,000. L-attrici taghmel riferenza ghal gurisprudenza dwar l-onus tal-prova. Kien jispetta lill-konvenut illi jipprova li huwa ghamel l-hlas tal-ammont li kien qieghed jirreklama fil-kontrotalba. Skond l-attrici, il-konvenut ma rnexxielux jaghmel din il-prova. In-numru zghir ta’ fotokopji ta’ cheques li kienu esebiti b`ebda mod ma jikkostitwixxu prova li l-import tac-cheques kien attwalment hlas ghall-beneficcju tal-attrici Diane Pulis.

Dwar l-azzjoni taghhom, l-atturi jikkontendu illi kull ma kellhom jipprovaw kien illi sar self mill-konvenut u li huma kienu l-garanti ta` dak is-self. Dan il-fatt irrizulta minghahr l-icken dubju. Isostnu l-atturi li l-verzjoni taghhom tal-fatti kienet aktar kredibbli u konsistenti.

**2) Il-konvenut**

Ighid illi mkien ma gie kontestat illi l-flus li nghata b’self ma ntuzawx ukoll ghall-attrici Diane Pulis.

Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, il-konvenut ighid illi qabel il-kontrotalba, kien hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni bil-presentata ta` kontroprotest tieghu fl-20 ta` Novembru 2008.

Irrizulta bhala fatt illi huwa hallas lil Stephen Cutajar, ir-ragel ta` Diane Pulis, is-somma ta` Lm 3,500 ; kienet esebita kopja tac-cheque li bih sari l-hlas. Dan il-pagament huwa ammess minn Diane Pulis. Il-pagamenti l-ohra jirrizulta illi saru kif ikkonferma fid-deposizzjoni tieghu.

Jikkontendi illi l-ewwel talba attrici mhijiex ippruvata ghaliex kif irrizulta mix-xiehda tar-rapprezentant tal-HSBC Bank Malta plc huwa kien qed ihallas pagamenti lill-bank b`mod regolari. Dwar it-tieni talba, il-konvenut ighid illi hija nfondata ghaliex l-atturi mhumiex kredituri tieghu jew tal-bank.

Il-konvenut jirreferi ghall-Art 1002 u 1003 tal-Kap 16 u ghal xi gurisprudenza fir-rigward.

**Ikkunsidrat :**

## IV. <u>**It-talbiet attrici**</u>

Il-pattijiet li partijiet ikunu qablu u ftehmu dwarhom huma l-espressjoni tar-rieda taghhom. Ghalhekk meta jkun konkluz ftehim, li jsir kif trid il-ligi, kemm ghal dak li huwa sostanza, kif ukoll ghal dak li huwa forma, dak il-ftehim isir ligi bejn il-partijiet. U ftehim li jkun sar ligi bejn il-partijiet jista` jithassar jew jinbidel biss bil-kunsens tal-istess partijiet.

Fis-sentenza li tat fil-5 ta` Ottubru 1998 fil-kawza "<u>**Beacom vs Spiteri Staines**</u>", il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

*Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa` dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali li trid tigi osservata - pacta sunt servanda.*

Skond l-**<u>Art 993 tal-Kap 16</u>** :–

*Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi.*

(ara – "**<u>Depares noe vs O` Dea noe</u>**" – Appell - 25 ta` Gunju 1996).

Skond l-**<u>Art 1002 tal-Kap 16</u>**, fejn il-kliem ta` konvenzjoni mehud fis-sens u skond l-uzu tal-kuntratt huwa car, ma hemmx lok ta` interpretazzjoni ("**<u>Spiteri vs Borg</u>**" – PA/RCP – 30 ta` Novembru 2000 u **<u>"Borg vs Xuereb</u>**" – Appell Civili – 30 ta` Marzu 1997).

Fis-sentenza taghha tas-26 ta` Mejju 1952 fil-kawza "**<u>Morana vs Spiteri et</u>**", il-Qorti tal-Appell irrilevat illi bhala regola mhumiex ammissibbli provi testimonjali kontra l-miktub (*contra scriptum testimonium non fertur*) pero` din mhijiex regola assoluta. Infatti kien ritenut illi r-regola ma tapplikax f`dawk il-kazi fejn l-att miktub jigi mpunjat minhabba simulazzjoni. Kif lanqas ma hija applikabbli meta jkun jidher li l-kontraenti ghamlu kuntratt biex ighattu kuntratt iehor li realment riedu jaghmlu ; jew meta ssir il-prova li jkun sar zball fil-kuntratt. Il-Qorti qalet :–

*1. Meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta` bejniethom, ghandu jigi prezunt li dak li riedu jiftehmu fuqu nizzluh f`dik l-iskrittura. Ghalhekk ma ghandux ikun lecitu li wiehed mill-kontraenti jdahhal f`dak il-ftehim klawsoli ohra li mill-kitba ma jirrizultawx, jekk ma jkunux klawsoli sekondarji li jkunu qeghdin ifissru jew jiccaraw il-klawsoli principali ...*

*2. Ghalkemm huwa veru li provi orali jistghu jigu ammessi biex jigu delucidati punti oskuri ta` kitba jew f`xi kazi ta` impunjazzjoni ta` dik il-kitba izda l- provi orali mhumiex ammissibbli biex ifissru dak li fih innifsu huwa diga` car ...*

*3. Ir-regola li kontra l-prova miktub ma tistax tigi ammessa prova testimonjali mhix applikabbli meta l-prova tigi offerta biex tigi mfissra ahjar l-intenzjoni tal-kontraenti lit kun espressa b`mod ambigwu jew oskur, jew meta jrid jigi pruvat xi fatt incidentali jew accessorju li jkun konciljabbli ma` l-att ...*

In kwantu jirrigwarda l-konsiderazzjoni tal-provi, ghandu jinghad illi meta gudikant jigi biex iqis il-kumpless tal-provi sabiex fuq dawk il-provi jaghti decizjoni tieghu, il-kriterju rilevanti mhuwiex jekk assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja **("Borg vs Bartolo"** – Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju 1980). Hekk meqjusa dawk il-provi, il-grad rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali fil-mohh tal-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta` provi fuq bilanc ta' probabilitajiet ("**Caruana vs Laurenti**" – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 8 ta` April 1994 ; "**Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta` Lulju 1981; "**Vassallo vs Pace**" – Vol.LXX.II.144 u "**Zammit vs Petrococchino**" – Appell Kummercjali – 25 ta` Frar 1952).

Fil-kaz tal-lum, kif irrizulta ben evidenti, dwar kwistjonijiet ta` sostanza, kien hemm kuntrast nett fil-verzjonijiet ta` Diane Pulis u l-konvenut.

Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza `**Xuereb et vs Gauci et`** il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil-kamp civili :–

*Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ;*

*2) Li fin-nuqqas, tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*(ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001).*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal- preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma*

*generalment sufficjenti ghall- konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440).”*

(ara wkoll : “**Bugeja vs Meilak**” – PA/TM – 30 ta` Ottubru 2003 ; “**Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa**” – PA/PS – 28 ta` Mejju 2003 ; “**Farrugia vs Farrugia**” – PA/CC – 24 ta` Novembru 1966).

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/PS**) tat-28 ta` April 2003 fil-kawza “**Ciantar vs Curmi noe**” kien precizat hekk –

*... mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo.*

Dan premess, il-Qorti tqis illi d-disposizzjonijiet **partikolari** tal-Kodici Civili li huma rilevanti ghall-kwistjoni bejn il-partijiet huma :-

**L-Art 1925** li jaqra hekk :-

*Il-garanzija hija kuntratt li bih wieħed jintrabat lejn il-kreditur li jissodisfa l-obbligazzjoni ta’ wieħed ieħor, jekk dan ma jissodisfahiex huwa nnifsu.*

**L-Art 1948** li jghid :-

*Il-garanti, ukoll qabel ma jħallas, jista’ jaġixxi kontra d-debituri sabiex jiġi minnu rilevat -*

*(a) jekk jiġi mħarrek għall-ħlas ;*

*(b) jekk id-debitur ifalli jew isir mhux solvibbli, jew l-istat tiegħu jitbiddel u jkun hemm il-għaliex wieħed jibża’ li sejjer isir mhux solvibbli ;*

*(c) jekk id-debitur ikun obbliga ruħu li għandu jeħilsu mill-garanzija fi żmien miftiehem, u dan iż-żmien ikun għalaq ;*

*(d) jekk id-dejn ikun sar eżiġibbli billi jkun għalaq iż-żmien miftiehem għall-ħlas ;*

*(e) jekk id-debitur ikun in mora fil-ħlas ;*

*(f) egħluq sentejn, jekk ma jkunx ġie ffissat żmien għall-ħlas, u l-obbligazzjoni ma tkunx minnha nfisha tali li ma tistax tiġi mitmuma qabel żmien itwal.*

**L-Art 1962** li jistipola :-

*It-tiġdid biss taż-żmien għall-ħlas li l-kreditur jagħti lid-debitur prinċipali, ma jeħlisx lill-garant i; iżda dan jista', f'dan il-każ, jaġixxi kontra d-debitur biex iġiegħlu jħallas.*

Fis-sentenza li tat fit-23 ta` Frar 1872 fil-kawza "**PP Busuttil vs Giuseppa Farrugia**" il-Qorti tal-Appell qalet hekk :–

*… secondo la giusta intelligenza del menzionato articolo* (issa Artikolu 1948) *confrontato colla disposizione contenuta nello articolo 1171 della medesima Ordinanza* (issa Artikolu 1942) *lo attore, rispetto alle rate non ancora scadute, ha diritto di provvedere alla sua sicurezza … ma non ha la facolta di rendere suo cio che e un particolare acquisto della convenuta – con obbligarla, cioe, al pagamento del suo debito prima della scadenza del termine – diritto che neppure avrebbe quando pure, non ostante che non sia ancora scaduto il termine del debito, l'avesse interamenti pagato."*

Bl-istanza taghhom tal-lum, l-atturi qeghdin jitolbu illi, prevja li tistabilixxi kemm huwa l-bilanc tad-dejn li l-konvenut ghandu mal-HSBC Bank Malta plc, ghal liema dejn l-atturi huma l-garanti, il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex ihallas lilhom dak li ghadu dovut sabiex mbaghad huma jissaldaw dak id-dejn. Bl-ewwel eccezzjoni, il-konvenut qieghed jeccepixxi l-improponibilita` u l-intempestiva` tal-azzjoni attrici.

Jirrizulta illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Grech Trapani tad-29 ta` Mejju 2003 (Dok HSBC 12), il-konvenut kiseb **self** minghand

l-HSBC Bank Malta plc fl-ammont ta` Lm 17,000 ekwivalenti ghal €39,599.35. L-atturi dehru fuq il-kuntratt bhala garanti solidali mal-konvenut ta` dak is-self. Effettivament bis-self li ha l-konvenut b`dak il-kuntratt thallas dejn ta` self iehor li kien sar mill-Bank of Valletta plc favur il-konvenut permezz ta` kuntratt tat-23 ta` Ottubru 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Victor Bisazza. Fid-29 ta' Mejju 2003, sar kuntratt iehor (Dok HSBC 11) fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Grech Trapani fejn *inter alia* l-atturi dahlu garanti solidali mal-konvenut ghal **overdraft** sa limitu ta` Lm 30,000 ekwivalenti ghal €69,881.20.

Abbazi ta` dawn il-fatti, u kuntrarjament ghal dak allegat mill-atturi, huma kienu garanti solidali tal-konvenut mhux biss ghas-self ta` €39,599.35, izda wkoll ghall-overdraft ta` l-konvenut. Jirrizulta wkoll illi l-ammont ta' €39,599.35 ma setax jintuza mill-konvenut ghad-diversi pagamenti li allegatament effettwa, ghaliex kif jidher minn Dok HSBC 12, l-ammont erogat mar direttament biex jithallas il-Bank of Valletta plc. Ghalhekk ghalkemm kienet biss impressjoni tal-partijiet li ghall-hlasijiet li saru kienu ntuzaw dawk il-€39,599.35 meta effettivament intuza l-overdraft. Fil-fatt l-atturi huma garanti solidali mal-konvenut ghall-ammont komplessiv ta' Lm 47,000 ekwivalenti ghal €109,480.55 (€39,599.35 + €69,881.20).

Minn ezami tal-istatements li kienu prezentati mir-rapprezentant tal-HSBC Bank Malta plc, jirrizulta li fl-2003 u cioe` s-sena meta l-atturi saru garanti solidali, il-konvenut kien hallas madwar Lm 99,365.75 u cioe` € 231,459.94. Mill-assjem tal-provi jirrizulta wkoll li l-konvenut ihallas lura lill-bank kreditur regolarment. Fl-istess waqt il-Qorti m`ghandha l-ebda prova li fid-data tal-presentata tar-rikors guramentat inkella wara, kien hemm xi morozita` da parti tal-konvenut li kienet sejra ggieghel lill-bank kreditur li jsejjah lura s-self jew l-overdraft. Lanqas ma saret fil-kawza tal-lum xi talba mill-atturi sabiex il-konvenut jigi ordnat ihallas d-dejn li ghandu mal-bank kreditur. Lanqas ma saret talba mill-atturi sabiex tigi estinta l-garanzija fuq il-premessa li l-konvenut kien hallas parti mid-dejn li tieghu l-atturi kienu garanti solidali. Ghandu jinghad illi meta garanti ma jkun gie mitlub ihallas hu d-dejn, minflok id-debitur principali, il-garanti ma jistax jitlob sabiex jestingwi l-kuntratt tas-self – (ara : "**Salvatore Camilleri vs Giuseppe Ciancio**" – Qorti tal-Kummerc - 31 Mejju 1946)

**Il-Qorti qeghda tilqa` l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.**

**Il-konsegwenza hija li l-Qorti sejra tichad it-talbiet attrici.**

**Ladarba qeghda tichad it-talbiet attrici abbazi tal-ewwel eccezzjoni, il-Qorti mhijiex sejra taghti aktar konsiderazzjoni lill-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut.**

**Ikkunsidrat :**

**V. Il-kontrotalba**

**a) Il-preskrizzjoni skond l-Art 2156(d) tal-Kap 16**

Fir-risposta ulterjuri, l-atturi eccepew il-preskrizzjoni tal-hames snin ghall-kontrotalba skond l-**Art 2156(d) tal-Kap 16** li jaqra hekk :-

*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin :*

…

*l-azzjonijiet għall-ħlas ta' mgħaxijiet ta' somom meħuda b'self jew taħt titolu ieħor, u, in ġenerali, ta' dak kollu li jitħallas bis-sena jew kull tant żmien ieħor aqsar minn sena ;*

Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza **"Stencil Pave (Malta) Ltd vs Deguara et noe**" din il-Qorti (**PA/JRM**) irriteniet illi –

*"hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni ..."*

(ara wkoll "**Holland noe vs Chetcuti**" – Qorti tal-Appell – 25 ta` Frar 2000 ; "**Vella vs Cefai**" – Qorti tal-Appell - 5 ta` Ottubru 2001 ; "**Portelli vs Psaila" -** Prim`Awla tal-Qorti Civili - 29 ta` Mejju 2003 ; "**Causon noe vs Sheibani**" – Qorti tal-Kummerc – 4 ta` Dicembru 1987 ; "**Camilleri vs Frendo**" (Kollezz. Vol. XII.144) ; "**Borg vs Testaferrata Bonici**" – Qorti tal-Appell – 24 ta` Marzu 1958).

In partikolari fis-sentenza "**Causon vs Sheibani noe**" il-Qorti qalet illi –

"*min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f'posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le*".

Il-preskrizzjoni hija istitut li min-natura tieghu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi, u jitfisser dejjem b`mod li ma jgibx fix-xejn il-ghan li ghandu jsir haqq dwar is-sostanza tal-kwistjoni bejn il-partijiet. Ghalhekk il-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva u jekk ikun jezisti xi dubbju dwar l-applikabilita' taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min ikun eccepixxa l-preskrizzjoni (**"Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited"** deciza minn din il-Qorti

fit-12 ta' Ottubru 2004, u "**Ellul noe vs Vella noe**" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju 2001).

Huwa evidenti illi d-disposizzjoni li fuqha l-atturi sawwru l-eccezzjoni taghhom ma tghoddx ghall-kaz tal-lum. Id-disposizzjoni qeghda tindirizza l-preskrizzjoni lejn dawk l-azzjonijiet fejn ikun qed jintalab il-hlas ta' **mghaxijiet** ta` somom mehuda b`self jew meta ikun jkun qed isir **hlas bis-sena jew zmien ta` iqsar minn sena** ; ezempju ta` dawn tal-ahhar huma l-kirjiet u c-cnus. Ma hemmx dubju li l-ammonti li taghhom l-attur qieghed jesigi l-hlas bil-kontrotalba ma jikkwalifikawx bhala dawk il-hlasijiet li d-disposizzjoni citata mill-atturi trid tolqot.

**Il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontrotalba skond l-Art 2156(d) tal-Kap 16.**

**b) Il-mertu**

Il-konvenut qed jitlob il-likwidazzjoni tal-hlasijiet li ghamel favur l-attrici Diane Pulis ; id-dikjarazzjoni li l-atturi jew min minnhom huma debituri tieghu ; il-kundanna tad-debitur tieghu ghall-hlas. L-atturi eccepew l-infondatezza fil-fatt u fid-dritt tat-talbiet tal-konvenuti.

In kwantu ghall-provi, Diane Pulis taccetta li l-konvenut hallas flus sabiex jinfeda c-cens tal-flat taghha ghall-beneficcju taghha. Tghid li l-konvenut kien hallas Lm 5,000 waqt li l-konvenut ighid li hallas Lm 3,500.

Illi in sostenn tal-mertu tal-kontrotalba, il-konvenut ipprezenta serje ta' dokumenti minn fol 641 et seq tal-process. Minn dawn id-dokumenti jirrizulta illi gew effettwati s-segwenti hlasijiet b`cheques :–

- Stephen Cutajar (ir-ragel ta` Diane Pulis) – Lm 3,500 – 4 ta' Gunju 2003 ;
- Victor Zammit – Lm 120 – 10 ta' Frar 2006;
- Victor Zammit – Lm 120 – 7 ta' Frar 2005;
- Anthony Grech Trapani – Lm 140.50 – 3 ta' Awissu 2003 ;
- VOL – Lm 89.95 – 28 ta' Novembru 2003 ;
- Anthony Grech Trapani – Lm 122 – 10 ta' Settembru 2003;
- Corinne Taliana – Lm 100 – 18 ta' Mejju 2004 ;
- Water Services Corporation – Lm 100 – 29 ta' Novembru 2004 ;
- P Camenzuli – Lm 100 – 2 ta' Gunju 2005 ;
- Tony Attard - Lm 125 – 10 ta' Settembru 2006 ;
- Anthony Grech Trapani – Lm 429.66 – 23 ta' Lulju 2003 ;
- Michael Attard Ltd – Lm 135.20 – 16 ta' April 2004 ;
- Michael Attard Ltd – Lm 136.55 – 17 ta' Settembru 2003 ;
- Tony Attard – Lm 137 – 1 ta' Marzu 2004 ;
- MLS – Lm 332 – 11 ta' Awissu 2008 ;
- Corinne Taliana – Lm 150 – 29 ta' Lulju 2003 ;
- Corinne Taliana – Lm 150 – 25 ta' Ottobru 2004 ;
- Corinne Taliana – Lm 150 – 20 ta' Novembru 2004 ;
- Corinne Taliana – Lm 200 – 3 ta' Lulju 2003 ;
- Michael Attard Ltd – Lm 204.45 – 17 ta' Frar 2004 ;
- Calbros Ltd – Lm 215 – 20 ta' Lulju 2005 ;
- Calbros Ltd – Lm 215 – 20 ta' Awissu 2005 ;
- Calbros Ltd – Lm 215 – 20 ta' Settembru 2005 ;
- Construct – Lm 450 – 3 ta' Dicembru 2007 ;
- Easysell Kia – Lm 600 – 31 ta' Marzu 2007.

Irrizulta li r-relazzjoni bejn Diane Pulis u l-konvenut damet sejra bejn l-2003 u l-2007. Il-Qorti ghandha konferma li t-Lm 3,500 thallsu lir-ragel tal-attur Diane Pulis. Irrizulta li Diane Pulis kienet tehtieg kura medika li rceviet privatament, ghal liema kura hallas il-konvenut. L-evidenza ta` dan huma c-cheques rilaxxjati favur it-tabiba dentista Corinne Taliana. Dwar il-hlasijiet li saru lin-Nutar Grech Trapani, irrizultat il-prova li dak in-nutar ppubblika l-kuntratti tad-29 ta' Mejju 2003 fejn il-konvenut kien id-debitur principali. Ghalhekk il-Qorti mhijiex tal-fehma li l-ispiza tan-nutar ghandha tigi akkollata lill-atturi. Ghal li jirrigwarda l-Easysell Kia, jidher li Diane Pulis kienet hadet is-self minghand l-HSBC Bank Malta sabiex tixtri karozza (ara fol 609) ; fl-istess

waqt il-Qorti mhijiex sodisfatta li l-pagament fuq riferit jista` jigi abbinat u necessarjament attribwit lill-attrici. Anke ghar-rigward tal-pagamenti li jidher li saru lil MLS fl-2008 u Construct fl-2007, il-preponderanza tal-provi timmilita kontra l-konvenut ghaliex fl-2007 ir-relazzjoni tieghu ma` Diane Pulis kienet intemmet. Ghal li jirrigwarda l-pagamenti l-ohra, il-Qorti mhijiex sodisfatta bil-provi li gab il-konvenut biex isostni li dawk l-ispejjez saru ghall-beneficcju tal-attrici u ghalhekk il-Qorti mhijiex sejra tilqa` t-talba tal-konvenut safejn din tikkoncerna dawn l-ispejjez partikolari. Rinfaccjata bil-kontestazzjoni tal-attrici, il-Qorti mhijiex sejra taghti piz probatorju lir-rendikont Dok AA2 (fol. 666) li pprezenta l-konvenut ghaliex dak huwa rapport li hejja l-konvenut stess minghajr skrutinju ta` xi espert tal-kontabilita` jew awditur ; billi hawn si tratta ta` talbiet ghal hlas, u allura mhux kull prova hija accettabbli, u kull prova ghandha trattata b`reqqa, mhux bizzejjed li jittella` bhala xhud persuna li l-kompitu tieghu kien limitat ghal li jentra figuri jew transazzjonijiet fis-sistema, u jieqaf prattikament hemm minghajr ma jaghti wisq dettall. Anke meta l-Qorti ppruvat tikkombacja c-cheques ma' dak ir-rapport tistqarr ma sabitx konfort ; ezempju ic-cheque datat 3 ta` Awissu 2003 lin-Nutar Anthony Grech Trapani mhuwiex korraborat b`li hemm indikat fir-rapport. Jigi notat ukoll illi ghalkemm il-konvenut ighid, kemm fil-kontrotalba kif ukoll fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu, li pprezenta kontroprotest nru 546/2008, id-dokument ma kienx esebit bhala prova, u ghalhekk il-Qorti m`ghandhiex il-konferma ta' x'inhu l-ammont li l-konvenut qieghed jippretendi.

Fil-kuntest tal-premess, u wara li ghamlet l-accertamenti taghha, il-Qorti tikkonkludi li mill-ammonti li l-konvenut jallega li hallas ghall-beneficcju tal-attrici Diane Pulis, il-konvenut gab il-prova ghas-sodisfazzjon taghha u sal-grad rikjest mil-ligi ta` esbors effettiv a favur u beneficcju tal-istess attrici fl-ammont ta` Lm 4,250 (Lm 3,500 + Lm 100 + Lm 150 + Lm 150 + Lm 150 + Lm 200) ekwivalenti **€9,899.84**.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tilqa` l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut.**

**Tichad it-talbiet tal-atturi.**

**Tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art 2156(d) tal-Kap 16 li ressqu l-atturi fir-risposta ulterjuri taghhom ghall-kontrotalba.**

**Tichad l-eccezzjoni tal-atturi kif dedotta fir-risposta guramentata taghhom ghall-kontrotalba.**

**Tilqa` l-ewwel talba rikonvenzjonali billi tillikwida l-ammont ta` disat elef tmien mija u disgha u disghin Ewro tlieta u tmenin centezmu (€9,899.83) bhala dak li hallas il-konvenut a favur u ghall-beneficcju tal-attrici Diane Pulis,**

**Riferibbilment ghat-tieni talba rikonvenzjonali, tiddikjara li hija biss l-attrici Diane Pulis, mhux l-attrici Antonia Pulis, id-debitrici tal-konvenut fl-ammont likwidat ta` disat elef tmien mija u disgha u disghin Ewro tlieta u tmenin centezmu (€9,899.83).**

**Riferibbilment ghat-tielet talba rikonvenzjonali, tikkundanna lill-attrici Diane Pulis sabiex thallas lill-konvenut l-ammont fuq likwidat ta` disat elef tmien mija u disgha u disghin Ewro tlieta u tmenin centezmu (€9,899.83) bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**Tikkundanna lill-atturi sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------